# DUN KARM SCIBERRAS (1893–1950)

Din is-sena jaħbat il-mitt sena anniversarju mit-twelid ta' Dun (aktar 'l quddiem Monsinjur) Karm Sciberras, qassis u arċipriet Mosti. Twieled il-Mosta fis-27 ta' Novembru, 1893, iben Franġisku u Grazzja neé Azzopardi. Tgħallem fl-iskola primarja tal-Mosta, għand is-Salesjani u fis-Seminarju t'Għawdex. Ġie kkonsagrat qassis mill-isqof Awsiljarju Anġlu Portelli fil-31 ta' Mejju, 1921. L-isqof Mawro Caruana ħatru arċipriet tal-Mosta fil-25 ta' Jannar, 1943, fi żmien diffiċli ta' taqlib li ġabet magħha l-gwerra. Kellu jirtira mill-kariga fil-11 ta' Novembru, 1948 meta saħħtu marret ferm lura. Dun Karm kien korra, l-aktar f'wiċċu u f'għajnejh meta bomba żgħira fil-ġnien tiegħu splodiet fl-24 ta' Awissu, 1942. Din il-ħabta hu kien qiegħed jagħmilha ta' vigarju għax kien għadu kemm miet l-arċipriet Dun Girgor Vella (2.6.42). Miet fit-23 ta' Mejju, 1950, sentejn wara li rtira.

Dun Karm ġie mogħti l-inkarigu ta' vigarju. Kemm-il darba fis-snin 1930 u 1942 kien vigarju fil-Mosta. Għamel ukoll xi żmien f'Ħ'Għargħur, fin-Naxxar u Ħ'Attard.

Dun Karm baqa' l-aktar magħruf għall-ħerqa li kellu biex jgħallem id-duttrina lit-tfal. Fl-1922 kien ġa qiegħed jieħu ħsieb oratorju tad-duttrina f'dar kbira, iżda l-ħsieb tiegħu kien li jibni oratorju modern u adattat. Bl-inizjattiva u ħidma tiegħu bla heda rnexxielu fl-aħħar. L-Oratorju Qalb ta' Ġesù jibqa' jfakkar lil Dun Karm. L-ewwel ġebla ta' dan il-bini sabiħ tqiegħdet fil-11 ta' Novembru, 1928. L-inawgurazzjoni uffiċjali ta' l-Oratorju saret minn Mons. Isqof M. Caruana fit-8 ta' Ġunju, 1940. L-Oratorju ma damx ma sar iċ-ċentru ta' attivitajiet ma jaqtgħu qatt. Barra t-tagħlim tad-duttrina sar il-lok ta' ħidmiet oħra siewja. It-teatrin, per eżempju, aktarx ir-rekreazzjoni waħdanija ta' dak iż-żmien, laħaq il-qofol tiegħu. Kumpaniji lokali u barranin kienu Ħadd wara Ħadd itellgħu l-programmi tagħhom tad-drammi, fares u makjetti. In-nies kienu jattendu bi ħġarhom. Ta' min isemmi kif meta kien isir ċertu ħin, Dun Karm kien jibgħat lejn id-dar it-tfal kollha miġburin fil-gallerija tas-sala tat-teatrin, naturalment b'diżappunt kbir għalihom.

Dun Karm kien qassis ħabrieki u attiv, predikatur tajjeb, raġel qaddis u lest biex jgħin lil dawk li jkollhom bżonn. Aktarx dejjem b'wiċċ u b'bixra ta' wieħed serju. Bit-ħabrik tiegħu, per eżempju, daħlu fil-parroċċa tal-Mosta s-sorijiet Agostinjani, ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (1930), il-Mużew tan-Nisa (1941), il-Mużew ta' l-Irġiel (1946) u l-Azzjoni Kattolika ta' l-Irġiel (1945). Biex jgħin lil l-Iscouts ħajjarhom biex jibdew jiltaqgħu fl-Oratorju (1939).

Ta' min jgħid ukoll li bl-insistenza tiegħu kienu saru xi tibdiliet dwar il-konfini tal-parroċċa. Fil-fatt fl-1950 il-Bidnija saret tagħmel mal-Mosta. Fl-1947 ħalla f'idejn il-Każin Santa Marija l-organizazzjoni tal-festi ta' barra ta' Santa Marija. Deċiżjoni ferm kontroversjali ta' Dun Karm kienet meta ddeċieda li jirranġa l-istatwa titulari ta' l-injam ta' l-Assunta li kien għamel l-iskultur Mosti Salvu Dimech. Kien hemm ħafna li ma qablux ma' din id-deċiżjoni, u kienu favur li ssir statwa oħra flok li titranġa l-qadima, jekk kellha ssir xi ħaġa. Jgħidu li Dun Karm beża' li jekk isir hekk jistgħu jinqalgħu l-piki.

Fl-artal tar-Rużarju hemm lapida li tfakkar il-memorja ta' dan il-qassis twajjeb. ■



*Dun Karm Sciberras ħiereġ mill-Knisja, fuq ix-xellug ta' l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. (Ħajr: Marija Vella)*